Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 7/2014AE

**Bernice Mckay [K.I. 261491M]**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-appell datat 2 t'April 2013 li Bernice McKayipprezentat quddiem l-arbitru a tenur tal-Att Dwar is-Sigurta' Socjali (Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan wara li b'decizjoni tat-13 ta' Marzu 2013, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali kien informaha li hija m'ghadhiex aktar intitolata ghal din l-ghajnuna stante li qeghda tahdem u ma hijiex tiehu hsieb il-pazjent. Fl-appell taghha quddiem l-arbitru argumentat li l-prezenza taghha fil-*canteen* ta' fabbrika gewwa Bulebel kienet sempliciment zjara lill-familjari taghha li kellhom il-gestjoni tieghu. L-ghan taz-zjara kien biex isserviha ta' harga u taqta' ftit mir-rutina ta' kuljum u mhux ghax kienet impjegata kif allegat mid-Direttur. Talbet ghalhekk lill-arbitru sabiex jivverifika l-kaz u jordna l-hrug mill-gdid tal-ghajnuna socjali.

Mill-atti li gew prezentati quddiem l-arbitru jirrizulta li:

i. Fl-10 t'Ottubru 2012 Bernice McKay applikat mad-Dipartiment ghall-ghajnuna socjali (wens) peress li kienet tiehu hsieb lil ommha li kienet marida;

ii. Hija giet akkordata din l-ghajnuna u kienet beneficjarja sat-12 t'April 2013 meta wara rapport tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet din l-ghajnuna twaqqfet wara li d-Direttur qal li ma setax ikun sodisfatt li l-appellata ma kinitx qeghda tahdem u li ghaldaqstant ma kinitx qeghda tiehu hsieb il-pazjent[1].

iii. Omm il-beneficjarja giet nieqsa fit-3 ta' Frar 2014.

[1] Risposta tad-Direttur datata 6 ta' Marzu 2014

B'decizjoni tal-20 ta' Marzu, 2014 l-arbitru laqa' l-appell ta' Bernice Mckay u hassar id-decizjoni tad-Direttur.

Minn din id-decizjoni appella d-Direttur tas-Sigurta' Socjali fir-rigward tal-apprezzament tal-fatti u applikazzjoni tal-ligi.

**Preliminari,**

Fit-twegiba l-appellata qalet li d-Direttur (illum appellant) irid igib prova li l-appell tieghu ma sarx *fuori termine*. L-artikolu 109 (2) tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li appell mid-decizjoni tal-arbitru għandu jsir permezz ta' rikors fi żmien tletin jum mill-ġurnata meta dik id-deċiżjoni tkun twasslet bil-miktub permezz ta' posta reġistrata lil min jagħmel it-talba jew lill-benefiċjarju jew lid-Direttur, skont il-każ. Dan premess, hi disposizzjoni cara tal-artikolu 102 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li – *"Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien"*.

Jirrizulta fil-kaz odjern li r-rikors tal-appell tad-Direttur gie prezentat fit-28 ta' April 2014. Mill-provi li tressqu l-Qorti hija sodisfatta li fis-27 ta' Marzu 2014 id-decizjoni tal-arbitru nghatat lill-appellant. Applikati d-dispozizzjonijiet tal-ligi msemmija ghal dawn it-termini jirrizulta li t-terminu ghall-prezentata tal-appell ghalaq is-Sibt 26 t'April 2014 u ghalhekk l-appell m'huwiex null.

**L-aggravju tad-Direttur appellant.**

Id-decizjoni tal-Arbitru kienet bazata fuq l-Artikolu 30 (8) tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318):

*"(8) Meta f'xi familja jkun hemm persuna li tkun mhux miżżewġa jew armla, u li tkun ukoll tinsab mingħajr xogħol, li tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li hi qed tieħu ħsieb, għal kollox waħedha, fuq bażi full-time u regolarment, tal-ġenitur tagħha jew ħuha, oħtha, in-nannu jew in-nanna, iz-ziju, iz-zija, missier jew omm ir-raġel jew il-mara, jew ħu jew oħt ir-raġel jew il-mara, li jkunu qed joqgħodu fl-istess familja bħal dik ta' dik il-persuna u li jkunu qed isofru minn marda fiżika jew mentali severa, kif ċertifikat minn tabib li jispeċjalizza fil-qasam tal-marda msemmija, jew li jkollhom sittin sena jew iktar u li ma jkunux jistgħu fiżikament jew mentalment jieħdu ħsieb tagħhom infushom u tal-bżonnijiet ta' kuljum tagħhom, imbagħad sew jekk dik il-persuna tkun jew ma tkunx reġistrata bħala persuna li ma għandhiex xogħol kif imsemmi qabel fis-subartikolu (1), hi tkun xorta waħda intitolata għall-Għajnuna Soċjali bħala familja għaliha skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu…."*

Mhux kontestat li fil-perjodu in kwistjoni l-appellata kienet xebba.

L-ewwel rekwizit tal-Artikolu 30(8) hu li l-persuna tkun **<u>bla xoghol</u>** (unemployed).

Mill-atti jirrizulta li:-

i.Fl-appell taghha quddiem l-arbitru, l-appellata qalet: *"Kien nhar il-5 ta' Frar 2013 meta jiena mort inzur lil ohti Charlene McKay fuq il-post tax-xoghol taghha (canteen gewwa Bulebel) u dan ghamiltu ghaliex il-mawra tieghi sa hdejha isservini ta' harga u tghinni naqta' ftit mir-rutina ta' kuljum. Irrid nghid ukoll illi jiena ta' spiss immur inzur lill-ohti u dana naghmlu purament ghaliex jiena u ohti ghandna relazzjoni tajba hafna flimkien u kif ukoll ghaliex jigu mumenti fejn inhoss 'il bzonn illi nohrog ftit mid-dar ma nies qrib tieghi".*

ii.Fil-5 ta' Frar 2013 saret spezzjoni gewwa canteen ta' fabbrika f'Bulebel u rrizulta li l-appellata kienet qeghda tahdem fil-kcina. Meta l-ufficjali tad-Dipartiment tkellmu ma' l-appellata, qaltilhom li kienet tmur hemm qiesu darbtejn fil-gimgha. Fir-rapport jinghad: *"Tajjeb jigi enfasizzat li kemm il-beneficcjarja kif ukoll is-Sinjura Harmsworth ikkonfermaw li s-Sinjorina Bernice Mckay tithallas ta' kull darba illi tkun hemhekk, bil-beneficcjarju sahansitra tistqarr 'tghid mhux ha nigi hawn ghalxejn'"* (ara rapport ta' Joseph Attard[2]).

iii.Fis-seduta quddiem l-Arbitru, l-appellata qalet li kienet tmur tghin lill-ohtha li kienet tatiha *pocket money*. Ziedet li kienet iddum forsi saghtejn. Kienet ukoll gieli tiehu lill-ommha maghha, meta kienet tajba, u dan ukoll biex jieklu. Sakemm kienet tinzel il-canteen, ohtha Alison McKay kienet tmur toqghod m'ommhom. Verzjoni korraborata minn Alison McKay.

L-Arbitru qal:-

***"Illi 'l fatt li l-appellanta kienet tqatta' saghtejn fil-hanut t'ohtha, u li ghal dan kienet tinghata xi pocket money, ma jfissirx li hija kellha xoghol"***.

Il-qorti ma taqbel xejn mal-konkluzjoni tal-Arbitru. Minn dak li rrizulta fl-ispezzjoni li saret fil-5 ta' Frar 2013, il-qorti hi tal-fehma li d-Direttur kien gustifikat li jasal ghal konkluzjoni li l-appellata ma kinitx ***"tinsab minghajr xoghol"***. Il-ligi ma tiddistingwix jekk ix-xoghol huwiex fuq bazi ta' *full-time* jew *part-time*. Skond l-imsemmi provvediment sabiex persuna tinghata l-ghajnuna socjali ghaliex tkun qeghda tiehu hsieb membru tal-familja, trid tiehu hsieb il-persuna fuq bazi ta' *full-time*. Kliem li jsahhah il-fehma tal-qorti li min jinghata tali ghajnuna socjali ma jista' jaghmel l-ebda xoghol iehor irrispettivament huwiex fuq bazi *full-time* jew *part-time*. 'Il fatt li *a tempo vergine* l-appellata qalet li kienet tmur il-canteen qiesu darbtejn fil-gimgha, m'huwiex

[2] Xehed quddiem l-Arbitru (seduta tat-12.3.2014).

ta' beneficcju ghad-difiza taghha. Il-ligi ma taghmilx distinzjoni dwar l-ammont ta' sighat li l-befenicjarja tkun qeghda tahdem. Meta saret l-ispezzjoni l-appellata nstabet tahdem fil-kcina tal-*canteen* u mistoqsija jekk kinitx qeghda tithallas wiegbet, ***"tghid mhux ha nigi hawn ghalxejn"***. Ghalkemm meta xehedet quddiem l-arbitru qalet li l-hlas kien *pocket money'*, il-qorti temmen li din il-kelma ntuzat bi skop biex tipprova ttaffi dak li kien qalet meta tkellmu maghha l-ufficjali tad-Dipartiment. Dakinhar l-appellata kienet cara fi kliemha li mhux ser tmur il-canteen bla hlas. F'kull kaz dan il-kliem ma jbiddel xejn, in kwantu r-realta' tibqa' li ghas-servizz li kienet qeghda taghti fil-canteen kienet tircievi rimunerazzjoni. Dakinhar tal-ispezzjoni l-appellata nstabet taghmel xoghol bi qligh. Ghalhekk, ma kinitx tissodisfa r-rekwizit li *"tinsab minghajr xoghol"* u ghaldaqstant d-Direttur kien gustifikat li jwaqqaf l-ghajnuna socjali lill-appellata.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell tad-Direttur tas-Sigurta Socjali u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tal-20 ta' Marzu 2014. Spejjez a karigu tal-appellata**.

Anthony Ellul.